SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 04/KA2/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 28/10/14** **45**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 28/10/14** **55**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 28 t'Ottubru 2014

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa
Il-Membru Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: 0

1.05 Assenti: 0

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 t'Ottubru 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2014
4. Budget / Business Plan
5. Rapport tax-xogħolijiet
6. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 03/KA2/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Viċi-Ċermen issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P386 | Ittra mingħand l-*Parliamentary Assembly of the Mediteranean* b'talba biex jerġgħu jpoġġu qsari minflok 'id-double yellow line' fi Triq il-Knisja. |
| P403 | Talba mingħand il-Vivaldi Hotel sabiex issir rampa quddiem il-lukanda. |
| P433 | Talba sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem Shoreditch Kitchen & Bar fi Triq Paceville k/m Triq Wilġa. |
| P440 | Email mingħand it-Transport Malta fir-rigward it-talba sabiex jittressqu tabelli fi Triq Wilġa k/m Triq il-Knisja. |

P446 Talba għal stand ta' l-ikel f'Paceville.

P449 Talba għall-permess sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem Happy Dayz, 71/72 Triq Spinola.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P386

2.02 B'riferenza għat-talba tal-*Parliamentary Assembly of the Mediteranean* biex jerġgħu jpoġġu qsari minflok 'id-double yellow line' fi Triq il-Knisja, ġie deċiż unanimament l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni dment li ma jkunx hemm ostaklu għat-traffiku. Dawn jitqegħdu bi prova ta' xahar u jekk jirriżulta li ma jkunx hemm inkonvenjenzi għall-pubbliku din id-deċiżjoni tibqa' tapplika.

Rif. Nru. P403

2.03 Saret riferenza għat-talba mingħand il-Vivaldi Hotel sabiex issir rampa quddiem il-lukanda. Ġie deċiż unanimament li l-Membri tal-Kumitat jivverifikaw it-talba u tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

Rif. Nru. P433

2.04 B'riferenza għat-talba sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem Shoreditch Kitchen & Bar fi Triq Paceville k/m Triq il-Knisja ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti.

Rif. Nru. P440

2.05 Saret riferenza għal email mingħand it-Transport Malta fir-rigward it-talba sabiex jitressqu t-tabelli fi Triq Wilġa k/m Triq il-Knisja. Ġie deċiż unanimament li t-Transport Malta tiġi nfurmata li l-Kumitat Amministrattiv Paceville jidhirlu li m'huwiex l-Awtorita' komptenti li għandu jieħu r-responsabilita' fejn għandhom jitressqu t-tabelli tat-toroq.

Rif. Nru. P446

2.06 B'riferenza għat-talba għal stand ta' l-ikel f'Paceville ġie deċiż unanimament li l-Kumitat jieħu parir legali u ssir laqgħa mal-Avukat.

Rif. Nru. P449

2.07 Saret riferenza għat-talba għall-imwejjed u siġġijiet quddiem Happy Dayz, 71/72 Triq Spinola. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma sibx oġġezzjoni.

2.08 Is-Sindku ġie skużat fit-2.45p.m.

**3 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2014**

3.01 Il-Kumitat ġie pprezentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2014 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Viċi-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2014 .

3.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Budget / Business Plan**

4.01 Il-Kumitat ġie pprezentat b'kopja tal-Budget / Business Plan (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

4.03 Wara diskussjoni l-Viċi-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan.

4.04 Iċ-Ċermen issekondah.

4.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5 Rapport tax-Xogħolijiet**

5.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitat Amministrattiv Paceville matul is-sena 2014 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2015 filwaqt li l-Membri ġew

informati li dan ser jibqa' jiġi aġġornat sa' l-aħħar tas-sena (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport tax-Xogħolijiet.

5.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

6.01 Iċ-Ċermen informa lill-Membri li saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Stefan Bountempo fejn ġew diskussi diversi temi nkluż il-finanzjament tal-Kumitat Amministrattiv Paceville. Il-Kumitat wera biċ-ċar id-diżapprovazzjoni għall-mod ta' kif jinħadem il-finanzjament ta' Paceville peress li l-finanzjament li jingħata ma jirriflettix il-volum ta' nies li jiffrekwentaw Paceville ta' kuljum is-sena kollha.

6.02 Il-Viċi-Ċermen ġie skużat fit-3.15p.m.

**7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

7.03 Din il-mozzjoni għaddiet għall-vot fejn il-Membru Joe Oliva astjena filwaqt li l-Membri l-oħra qablu mal-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li ma tressqux 'Purchase Request Sheets' ġodda minħabba li l-kuntrattur tal-manutenzjoni tas-sinjali u marki tat-toroq għad għandu xogħolijiet pendenti.

8.02 Il-Kumitat ġie nfurmat li:-

a) il-laqgħa għax-xahar ta' Novembru ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru fis-2.00p.m.

b) il-laqgħa għax-xahar ta' Diċembru, li ser tkun il-laqgħa tal-lokalita', ser issir nhar it-Tlieta 2 ta' Diċembru fis-6.00p.m.

8.03 Il-Membru Joe Oliva ssuġġerixxa li din il-laqgħa ssir il-Millennium Chapel.

8.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

8.05 Il-laqgħa għax-xahar ta' Jannar 2015 ser issir nhar it-Tlieta 27 ta' Jannar 2015 fis-2.00p.m.

8.06 Il-laqgħa ntemmet fit-3.35p.m.

| | |
|---|---|
| **Albert Bonello Ghio** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |